It-Tlieta 14 ta' Settembru 2021

P9_TA(2021)0368

Lejn sħubija aktar b'saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2021 lejn sħubija aktar b'saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE (2020/2120(INI))

(2022/C 117/03)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), kif adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015,

— wara li kkunsidra l-ftehim adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 f'Pariġi fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) ("il-Ftehim ta' Pariġi"), b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 11 (2) tiegħu, li jirrikonoxxu d-dimensjonijiet lokali, sottonazzjonali u reġjonali tat-tibdil fil-klima u tal-azzjoni klimatika,

— wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar it-tisħin globali ta' 1,5° C, il-ħames rapport ta' valutazzjoni tiegħu (AR5) u r-rapport ta' sinteżi tiegħu dwaru, kif ukoll ir-rapport speċjali tiegħu dwar it-tibdil fil-klima u l-art, u r-rapport speċjali tiegħu dwar l-oċean u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel,

— wara li kkunsidra l-ftehim konklużż fil-15 ta' April 2021 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku,

— wara li kkunsidra l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) l-ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2021-2027, approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Diċembru 2020,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2021 bit-titolu "Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" (COM(2021)0082) u l-valutazzjoni tal-impatt u tal-vulnerabbiltà tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea li takkumpanjaha,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment tat-23 ta' Marzu 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE" (COM(2020)0104),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 bit-titolu "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE" (COM(2017)0623),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2012 bit-titolu "Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea: lejn sħubija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" (COM(2012)0287),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2008 bit-titolu "Ir-reġjuni l-aktar imbiegħda: vantaġġ għall-Ewropa" (COM(2008)0642),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2007 bit-titolu "Strateġija għall-ibgħad reġjuni: Kisbiet u Prospettivi fil-Ġejjieni" (COM(2007)0507),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2004 bit-titolu "Sħubija aktar b'saħħitha għar-reġjuni ultraperiferiċi" (COM(2004)0343),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2019 dwar l-oċeani u l-ibħra,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-10 ta' Diċembru 2020 dwar ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tas-sħubija strateġika mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE (2021/C 37/10),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-presidenti tar-reġjuni ultraperiferiċi, u b'mod partikolari d-dikjarazzjoni adottata fil-XXV Konferenza tal-Presidenti tar-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea li saret f'Mayotte fis-26 u s-27 ta' Novembru 2020,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Konferenza tal-Presidenti tar-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea, b'segwitu għal-laqgħa intersessjonali tat-3 ta' Mejju 2021,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-ekonomija ċirkolari,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar it-tibdil fil-klima – viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi ([4]),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Parlament Ewropew ippubblikat fl-2021 bit-titolu "Il-Politika ta' Koeżjoni u t-Tibdil fil-Klima",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2017 dwar il-promozzjoni tal-koeżjoni u l-iżvilupp fir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE: l-implimentazzjoni tal-Artikolu 349 TFUE ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2017 dwar il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-Reġjuni Ultraperiferiċi ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-ottimizzazzjoni tal-potenzjal tar-Reġjuni Ultraperiferiċi permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-fondi strutturali tal-UE u programmi oħra tal-UE ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-Istrateġija UE 2020 ([8]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0241/2021),

([1]) ĠU C 316, 6.8.2021, p. 2.
([2]) ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.
([3]) ĠU C 28, 27.1.2020, p. 40.
([4]) ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.
([5]) ĠU C 334, 19.9.2018, p. 168.
([6]) ĠU C 298, 23.8.2018, p. 92.
([7]) ĠU C 285, 29.8.2017, p. 58.
([8]) ĠU C 258 E, 7.9.2013, p. 1.

It-Tlieta 14 ta' Settembru 2021

A. billi l-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-Ftehim ta' Pariġi huma importanti ħafna;

B. billi l-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż il-kontribut tiegħu għall-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-ġeneri, huma importanti ħafna;

C. billi jfakkar li r-reġjuni ultraperiferiċi (RUP) jappartjenu għal tliet Stati Membri, u attwalment hemm disgħa minnhom – il-Guyana Franċiża, Guadeloupe, Réunion, Mayotte, Martinique u Saint Martin (Franza), l-Azores u Madeira (il-Portugall) u l-Gżejjer Kanarji (Spanja) – mifruxa fuq żewġ oċeani, l-Oċean Atlantiku u l-Oċean Indjan, u li għandhom aktar minn 4,8 miljun abitant;

D. billi jenfasizza li 80 % tal-bijodiversità Ewropea tinsab fir-RUP u fil-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej (PTEE) u li dawn it-territorji għandhom valur strateġiku mill-perspettiva ġeopolitika f'termini tal-konservazzjoni tal-bijodiversità globali;

E. billi jenfasizza li r-RUP ikabbru d-dimensjoni marittima tal-Unjoni Ewropea, billi permezz tagħhom għandha l-akbar spazju marittimu fid-dinja b'aktar minn 25 miljun km² ta' żona ekonomika esklużiva (ŻEE), u b'opportunitajiet ekonomiċi kbar;

F. billi huwa mħasseb li r-RUP huma affettwati aktar mit-tniġġis tal-baħar minn kwalunkwe reġjun kontinentali ieħor tal-Ewropa minħabba l-insularità tagħhom, u dan għandu riperkussjonijiet fuq l-iżvilupp tagħhom minn perspettiva ambjentali u ekonomika;

G. billi jiddispjaċih li r-rata tat-tluq bikri mill-iskola fost iż-żgħażagħ bejn 18-il sena u 24 sena fir-RUP taqbeż l-20 %, rata li hija ferm ogħla mill-medja ta' 10 % rreġistrata fl-Unjoni Ewropea ([9]);

H. billi jistma li r-RUP għandhom rikkezza kulturali straordinarja li tikkontribwixxi għall-influwenza tal-Ewropa u ssaħħaħ is-setgħa ta' persważjoni tagħha fid-dinja, u li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata fl-2017 identifikat il-kultura bħala aspett importanti u element ta' differenzjazzjoni tar-RUP;

I. billi jiddeplora l-fatt li l-kriżi attwali tal-COVID-19, b'mod preokkupanti, xeħtet dawl fuq l-ekonomiji diġà vulnerabbli tar-RUP, u li din il-kriżi kif ukoll il-Brexit se jkollhom konsegwenzi fit-tul fil-livell soċjali, ekonomiku, ambjentali, territorjali u kulturali;

J. billi jistma li l-kriżi tas-saħħa aggravat ukoll id-dgħufijiet tas-servizzi reġjonali tas-saħħa tar-RUP, u imponiet miżuri pjuttost stretti biex tiġi miġġielda l-pandemija f'dawn ir-reġjuni;

K. billi huwa mħasseb li diversi setturi tal-ekonomija blu, b'mod partikolari t-turiżmu kostali u marittimu, jistgħu jiġu affettwati mill-kriżi attwali minħabba l-pandemija;

TITOLU 1: Il-konsolidazzjoni tal-progress, l-indirizzar tad-dgħufijiet u t-tisħiħ tal-vantaġġi biex ir-RUP jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-azzjoni Ewropea

1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Marzu 2020 li jfassal valutazzjoni inizjali tal-implimentazzjoni tas-sħubija strateġika mġedda u msaħħa mar-RUP, varata f'Ottubru 2017, u l-isforzi li saru kemm fir-RUP u fl-Istati Membri kkonċernati kif ukoll fl-istituzzjonijiet Ewropej biex din tiġi implimentata; jitlob li dawn l-avvanzi jiġu kkonsolidati fl-istrateġija l-ġdida tal-Unjoni għal dawn ir-reġjuni;

2. jenfasizza l-bosta avvanzi li saru għar-RUP fl-ambitu tal-QFP 2021-2027 il-ġdid, kemm fil-livell baġitarju kif ukoll f'dak leġiżlattiv permezz ta' aġġustamenti speċifiċi fil-fondi strutturali u fil-programmi orizzontali, u jfaħħar il-miżuri addizzjonali għar-RUP meħuda fl-ambitu tal-Pjan Ewropew ta' Rkupru intitolat "Next Generation EU"; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Artikolu 349 TFUE jinqara flimkien mal-Artikolu 7 biex, fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, ikun jista' jiġi applikat approċċ differenzjat għar-RUP li jqis bis-sħiħ il-karatteristiċi speċifiċi u r-restrizzjonijiet strutturali tagħhom, f'konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Diċembru 2015;

([9]) https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/demography_report_2020_n.pdf

3. Jinnota b'sodisfazzjon l-estensjoni u ż-żamma sal-2027 ta' diversi derogi fiskali għar-RUP (taxxa AIEM ("Arbitrio sobre Importaciones y Entregas de Mercancías en las Islas Canarias", applikabbli għall-Gżejjer Kanarji), ħlas tal-użu ta' baċir, rati tat-taxxa mnaqqsa għal-likuri, ir-rum u l-eaux-de-vie mill-Azores u minn Madeira, kif ukoll ir-rums tradizzjonali mid-dipartimenti ekstra-Ewropej (DEE); ifakkar fl-importanza li jinżammu l-mekkaniżmi bbażati fuq l-Artikolu 349 tat-TFUE għar-RUP li għandhom jirrikonċiljaw il-ħtieġa doppja tal-protezzjoni tal-produzzjoni lokali u tal-ġlieda kontra l-għoli tal-ħajja, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini tar-RUP ikunu infurmati sew dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi;

4. Iħeġġeġ lis-servizzi tal-Kummissjoni, iżda anki lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, biex isibu bilanċ bejn il-kontroll leġittimu u indispensabbli tal-użu tal-fondi Ewropej u s-simplifikazzjoni u l-flessibbiltà tar-regoli amministrattivi meħtieġa għall-modernizzazzjoni u l-ottimizzazzjoni tagħhom, u dan sabiex jinkoraġġixxu l-inizjattivi lokali;

A. ***Is-sistematizzazzjoni ta' "rifless Ewropew tar-RUP"***

5. Jixtieq jara sistematizzazzjoni ta' "rifless tar-RUP" fl-istituzzjonijiet Ewropej, ibbażata fuq l-adozzjoni ta' approċċ trażversali u integrat għar-realtà u l-isfidi tar-RUP fil-politiki pubbliċi Ewropej kollha;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex, f'konformità mar-rwol tagħha ta' "gwardjan tat-trattati", tagħmel l-unità tar-RUP fid-DĠ REGIO l-"gwardjan tal-applikazzjoni xierqa tal-Artikolu 349 tat-TFUE" u tikkunsidra li toħloq direttorat sħiħ, b'rabta diretta ma' "korrispondenti tar-RUP", fid-direttorati ġenerali l-oħra;

7. Jistieden lill-Kunsill joħloq kumitat speċifiku għar-RUP, ibbażat fuq il-mudell tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura, li l-objettiv tiegħu jkun li jiżgura l-integrazzjoni tal-prijoritajiet u r-realtajiet tar-RUP fid-diversi inizjattivi u liġijiet Ewropej;

8. Jappella għall-ħolqien ta' pożizzjoni ta' "rapporteur permanenti għar-RUP" biex tissaħħaħ is-sorveljanza tal-Parlament Ewropew tal-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 349 tat-TFUE fil-politiki pubbliċi Ewropej;

B. ***Komunikazzjoni u informazzjoni aħjar***

9. Jitlob l-implimentazzjoni ta' strateġija vera ta' komunikazzjoni li jkollha l-għan li tinvolvi b'mod partikolari liż-żgħażagħ u tinfurmahom bl-opportunitajiet offruti mill-Unjoni u tgħarrafhom dwar l-utilità tal-Ewropa fil-ħajja ta' kuljum; jitlob li jiġi stabbilit uffiċċju tal-Kummissjoni f'kull RUP, minħabba n-natura arċipelaġika ta' ħafna minn dawn ir-reġjuni, il-multipliċità tat-territorji tagħhom u l-fatt li jinsabu 'l bogħod minn xulxin;

10. Jirrakkomanda li jsir użu aħjar mill-pjattaformi differenti ta' skambju bejn l-amministrazzjonijiet, bħall-programm TAIEX-REGIO PEER 2 PEER għall-fondi ta' koeżjoni, jew TAIEX-EIR PEER 2 PEER fi kwistjonijiet ambjentali jew il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari;

11. Jipproponi l-ħolqien ta' "Erasmus" għall-amministrazzjonijiet li jimmaniġġjaw il-fondi Ewropej fir-RUP, biex tiġi żgurata kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u ta' eżempji biex jiġi ottimizzat l-użu tal-fondi ta' koeżjoni;

12. Jinsisti fuq l-importanza tal-paġna web ([10]) iddedikata għad-data statistika tar-reġjuni ultraperiferiċi (Eurostat), imwettqa b'kooperazzjoni mas-servizzi tal-istatistika tal-Portugall, ta' Spanja u ta' Franza u tar-RUP; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' data eżawrjenti dwar Saint Martin, li jagħmilha impossibbli li jitwettqu analiżijiet kompleti u komparattivi tar-RUP kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, u b'mod partikolari lill-Eurostat, biex jiġbru data affidabbli, aggregata u aġġornata mir-RUP kollha, li tagħmilha possibbli li jitwettqu analiżijiet settorjali, kif ukoll li jiġi vvalutat l-impatt tal-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej fir-RUP;

C. ***Nibnu l-futur***

13. Jitlob li r-RUP jiġu integrati aħjar fid-diskussjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, b'mod partikolari permezz tal-Konferenza tal-Presidenti tar-RUP, sabiex tiġi arrikkita b'perspettiva ultraperiferika u tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-Artikolu 349 TFUE fid-diversi programmi u politiki futuri tal-Unjoni Ewropea;

([10]) https://ec.europa.eu/eurostat/cache/RCI/#?vis=outermost.population=en

It-Tlieta 14 ta' Settembru 2021

14. Jenfasizza li d-djalogu maċ-ċittadini huwa element fundamentali fit-tħeġġiġ tal-prossimità u l-bini ta' pontijiet bejn ir-RUP u l-istituzzjonijiet Ewropej; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tintensifika dan id-djalogu, b'mod partikolari fir-RUP;

15. jappella lill-Kummissjoni tibni b'mod konġunt strateġija ġdida għar-RUP u magħhom, li twieġeb għar-realtajiet lokali u għall-ħtiġijiet u tirrifletti r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tkun ibbażata fuq ir-rispett tal-ispeċifiċitajiet, il-konsolidazzjoni tal-kisbiet u l-ottimizzazzjoni tal-mekkaniżmi eżistenti, fuq l-innovazzjoni u fuq il-valorizzazzjoni tar-RUP bħala "territorji ta' soluzzjonijiet";

16. Jirrakkomanda li jitfassal pjan ta' azzjoni veru għal din is-sħubija strateġika ġdida, li jinvolvi l-partijiet ikkonċernati ewlenin, b'mod partikolari l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, l-atturi ekonomiċi u soċjali, is-soċjetà ċivili, l-akkademja u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

17. Jitlob li l-istrateġija l-ġdida u l-pjan ta' azzjoni tagħha jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun biex jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku u soċjali fir-RUP;

TITOLU 2: Ninvestu f'impjiegi deċenti, insaħħu s-solidarjetà u naġixxu primarjament għaż-żgħażagħ

18. Huwa konxju li r-RUP joffru lill-Unjoni opportunitajiet biex tfassal proġetti pilota b'risposta għall-isfidi soċjoekonomiċi u klimatiċi, iżda li din id-dinamika tirrikjedi li jitħaffef ix-xogħol b'lura marbut mal-iżvantaġġi strutturali, kif ukoll il-konsolidazzjoni u s-salvagwardja tal-għodod biex jiġu kkumpensati dawn l-iżvantaġġi strutturali marbuta mad-distanza u l-insularità, li huma indispensabbli għall-integrazzjoni sħiħa u ekwa tar-RUP fl-ispazju Ewropew;

A. ***It-tisħiħ tas-solidarjetà***

19. Jappella lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-RUP jagħmlu l-ġlieda kontra l-faqar, il-qgħad u l-esklużjoni soċjali – inklużi l-persuni b'diżabbiltà – il-prijoritajiet tas-solidarjetà Ewropea, filwaqt li jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll proġetti futuri li jiffukaw fuq l-innovazzjoni, b'mod partikolari l-innovazzjoni soċjali, it-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet u d-diversifikazzjoni;

20. iqis li l-politika ta' koeżjoni għandha tkun aktar effettiva għan-nisa li jgħixu fir-RUP u għandha tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-RUP;

21. Jenfasizza r-rwol importanti tal-ekonomija soċjali u solidali fir-RUP, sieħba tal-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali fil-ġlieda kontra r-restrizzjonijiet marbuta mar-reġjuni ultraperiferiċi, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, u fil-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp ta' inizjattivi f'dawn ir-reġjuni, f'konformità mad-diversi strateġiji Ewropej; huwa favur ir-rikonoxximent ta' din ir-realtà fil-livell Ewropew u l-aċċess dirett ta' dan is-settur, mingħajr skop ta' qligħ, għas-sussidji Ewropej;

B. ***Il-protezzjoni tas-saħħa***

22. Jenfasizza li l-ispeċifiċitajiet tar-RUP jagħmluhom aktar vulnerabbli għall-avvenimenti globali, bħall-pandemija tal-COVID-19; jitlob, għalhekk, li jittieħdu l-aħjar tagħlimiet minn din il-kriżi u li titqies is-sitwazzjoni partikolari tar-RUP fid-dawl ta' avvenimenti futuri ta' din in-natura;

23. Jipproponi l-ħolqien ta' ċentru ta' riċerka ddedikat għall-mard tropikali infettiv u għall-mard partikolarment preżenti fir-RUP, bħad-dijabete, l-obeżità jew ċerti tipi ta' kanċer, u l-użu tal-fondi meħtieġa biex jiġi indirizzat is-sottożvilupp tal-kura tas-saħħa fir-RUP;

24. Jissuġġerixxi l-varar ta' proġett pilota fuq il-mudell tal-azzjoni preparatorja BEST biex tiġi appoġġjata l-ħidma fuq l-impjanti mediċinali fir-RUP;

C. ***Iż-żgħażagħ: prijorità f'termini ta' azzjonijiet u riżultati***

25. Itenni li, fir-RUP, il-forza taż-żgħażagħ hija vantaġġ kbir li spiss ma jkunx apprezzat biżżejjed u li għandha tkun prijorità għall-bini ta' soluzzjonijiet konkreti billi jiġu mobilizzati fondi Ewropej kbar għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-appoġġ, l-akkomodazzjoni u l-impjiegi deċenti u ta' kwalità għaż-żgħażagħ;

26. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-investiment fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja jsir prijorità fir-RUP, sabiex jiġi miġġieled it-tluq bikri mill-iskola; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra l-edukazzjoni bħala "objettiv prijoritarju" tal-iżvilupp tar-RUP, billi tgħin lill-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali jfasslu politiki pubbliċi li jinkoraġġixxu liż-żgħażagħ u joffrulhom opportunitajiet ġodda attraenti ta' edukazzjoni, taħriġ f'ħiliet, u taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet fil-livell lokali u reġjonali, inklużi l-ħiliet diġitali, kemm permezz ta' tagħlim wiċċ imb wiċċ jew ta' tagħlim mill-bogħod, sabiex ikunu jistgħu jibnu sett ta' ħiliet rikonoxxuti;

27. Iħeġġeġ il-mobilizzazzjoni ta' fondi Ewropej biex jinħolqu, minn naħa waħda, "Campus ta' Eċċellenza" fiż-żoni ġeografiċi tar-RUP billi tiġi promossa l-interkonnessjoni bejn l-iskejjel, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' taħriġ tar-RUP u, min-naħa l-oħra, ċentri ta' riċerka biex tiġi studjata u magħrufa aħjar il-bijodiversità tar-RUP;

28. ifakkar, fid-dawl tar-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fir-RUP, fil-ħtieġa li jinħolqu mekkaniżmi speċifiċi, b'mod partikolari permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħolqien ta' allokazzjoni addizzjonali għar-RUP fl-ambitu tal-FSE+ 2021-2027, u jitlob lir-reġjuni kkonċernati jisfruttaw dan is-sors ġdid ta' finanzjament biex jappoġġjaw l-impjegabbiltà, il-mobbiltà u t-taħriġ fir-RUP;

29. jappella lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-impjieg taż-żgħażagħ fir-RUP, billi toħloq punt uniku ta' servizz diġitali flimkien mas-settur privat, l-universitajiet u l-awtoritajiet lokali biex tappoġġja t-tfittxija għall-ewwel impjieg, l-istabbiliment jew l-akkwiżizzjoni ta' negozji fir-RUP;

D. ***It-tisħiħ tal-integrazzjoni tar-realtà tar-RUP f'ERASMUS+***

30. Jitlob, matul l-implimentazzjoni tal-programm Erasmus+, li tingħata l-għajnuna massima lill-istudenti mir-RUP, b'żieda finanzjarja jekk ikun meħtieġ biex jiġu koperti l-ispejjeż reali tal-ivvjaġġar, u li tiġi promossa l-mobbiltà fil-pajjiżi terzi taż-żona ġeografika, kulturali u storika ta' kull RUP kif ukoll l-iskambji intra-RUP;

31. Jinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tar-RUP fl-azzjonijiet kollha tal-programm Erasmus+ u li jiġu promossi skambji b'saħħithom ta' kooperazzjoni u mobbiltà bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, soċjali u sportivi;

TITOLU 3: L-iżvilupp ta' tkabbir sostenibbli u ekwu, l-implimentazzjoni ta' ekonomija ekoloġika u blu u l-ħolqien ta' professjonijiet ġodda favur in-newtralità klimatika sal-2050

32. Jenfasizza l-importanza li jiġu inkoraġġiti l-inizjattivi lokali billi jiġu appoġġjati l-intrapriżi kollha ta' produzzjoni tar-RUP, b'attenzjoni partikolari tingħata lill-intrapriżi żgħar ħafna, żgħar u ta' daqs medju kif ukoll lis-setturi tat-turiżmu, tal-artiġjanat, tal-kultura, tal-industrija u tal-bini, u lis-settur diġitali; jinsisti fuq il-ħtieġa ta' investimenti innovattivi sostenibbli u reżiljenti;

33. Iħeġġeġ lir-RUP jissieħbu man-network "Local2030" u jfasslu rendikonti tar-riżultati tal-iżvilupp sostenibbli biex ikunu jistgħu jikkondividu aħjar is-soluzzjonijiet tagħhom;

34. Itenni l-ħtieġa li tissaħħaħ l-attraenza tal-impjiegi marbuta mal-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem, is-sajd, il-baħar u l-ambjent fir-RUP, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, minħabba l-importanza strutturali tagħhom f'termini ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

A. ***Il-politika agrikola u l-ekonomija ħadra***

35. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inkorporati l-ispeċifiċitajiet u l-mudelli agrikoli tar-RUP fil-pjanijiet strateġiċi u l-ġestjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali tal-PAK għal approċċ aktar reġjonalizzat u aktar flessibbli;

It-Tlieta 14 ta' Settembru 2021

36. Jeżiġi li jinżammu, jew saħansitra li jissaħħu, il-miżuri speċifiċi u l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-iskema POSEI biex jintlaħqu l-objettivi ta' awtonomija alimentari, tranżizzjoni agroekoloġika, tkabbir ekoloġiku, diversifikazzjoni u rispons għall-kriżijiet tas-suq fir-RUP; ifakkar li, għall-kuntrarju ta' pagamenti oħra li saru fl-ambitu tal-PAK, l-ammonti tal-iskema POSEI ma ġewx aġġornati fid-dawl tal-inflazzjoni;

37. Jafferma li l-iskema POSEI hija essenzjali għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni, għaż-żamma tal-ambjent rurali u għall-ġlieda kontra d-depopolazzjoni fir-RUP, u jenfasizza f'dan ir-rigward l-evalwazzjoni pożittiva tal-iskema POSEI mwettqa mill-Kummissjoni;

38. Jinnota li t-tneħħija tal-kwoti u tal-prezzijiet garantiti, li bdiet bir-riforma tal-2005 tal-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor, għamlet lill-produtturi taz-zokkor tal-kannamieli fir-RUP vulnerabbli; jinsisti fuq il-ħtieġa li jinżammu l-mekkaniżmi speċifiċi kollha stabbiliti fl-ambitu tal-Artikolu 349 TFUE biex tiġi żgurata l-kompetittività sostenibbli ta' din l-industrija; jitlob l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' appoġġ għal dawk li jkabbru l-kannamieli f'każ ta' tnaqqis fil-prezzijiet dinjija taz-zokkor;

39. jistieden lill-Kummissjoni żżid il-baġits previsti għall-kampanji ta' promozzjoni, ta' sensibilizzazzjoni u ta' valorizzazzjoni tal-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni, b'mod partikolari:

(i) il-prodotti ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP), ta' indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), l-ispeċjalità tradizzjonali garantita (STG) u l-iskemi volontarji ta' ċertifikazzjoni;

(ii) il-metodi ta' produzzjoni bijoloġika;

(iii) il-logos għal prodotti agrikoli ta' kwalità speċifiċi mir-RUP;

40. Jappoġġja l-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", li tillimita aktar l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Unjoni, iżda jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-għelejjel tropikali u subtropikali fir-RUP u l-ħtieġa li tiġi akkumpanjata t-tranżizzjoni;

41. itenni, finalment, l-importanza li r-rata ta' kofinanzjament tibqa' 85 % għar-RUP fl-ambitu tal-FAEŻR, biex b'mod partikolari tiġi restawrata, ippreservata u msaħħa l-bijodiversità fl-agrikoltura u l-forestrija, u li jiġi promoss l-iżvilupp taż-żoni rurali fir-RUP;

B. ***Il-politika tas-sajd u l-ekonomija blu***

42. Jafferma mill-ġdid ir-rwol fundamentali tal-ekonomija blu fir-RUP u għalihom; jitlob li jiġu stabbiliti soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rrispettat il-bilanċ bejn ir-riżorsi tal-oċeani u l-iżvilupp tal-attivitajiet marittimi;

43. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq proġetti pilota fir-RUP li jiffukaw fuq l-ekonomija u t-taħriġ blu, sabiex dawn ir-reġjuni jingħataw pożizzjoni ta' tmexxija fil-governanza tal-oċeani, u biex tappoġġja l-innovazzjoni u r-riċerka, inklużi materjali idrobijodegradabbli bil-ħsieb tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, mingħajr, madankollu, ma tqis dawn il-materjali bħala rimedju għat-tniġġis tal-baħar;

44. Jitlob it-tisħiħ ta' miżuri speċifiċi fl-ambitu tal-politika komuni tas-sajd permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) biex jintlaħaq l-objettiv tal-awtonomija alimentari u jiġi appoġġjat it-tkabbir blu tar-RUP, speċjalmentbilli jiġu pprovduti soluzzjonijiet effettivi u prammatiċi għat-trasport tal-prodotti tas-sajd tar-RUP, sabiex jaslu malajr u bl-aħjar mod possibbli fis-swieq ewlenin;

45. Jinsab imħasseb li, f'ċerti każijiet, il-flotot tas-sajd fir-RUP jkunu degradati u qodma u jikkostitwixxu periklu għas-sajjieda u l-ambjent; jirrimarka li, f'dawn ir-reġjuni, l-attività tas-sajd hija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq prattiki tradizzjonali, u għalhekk jiddispjaċih li t-tiġdid tal-flotot artiġjanali tar-RUP ma jistax jiġi appoġġjat taħt il-FEMSA għall-perjodu 2021-2027, dment li jkun hemm bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd fir-RUP (ir-rispett tar-rendiment massimu sostenibbli);

46. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri sabiex itejbu l-ġbir tad-data xjentifika meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna mill-Istat għat-tiġdid tal-flotot tas-sajd fir-RUP;

47. Ifakkar li, skont l-Artikolu 29d tar-Regolament FEMSA, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tippreżenta rapport ta' nofs it-terminu dwar il-kapitolu tar-RUP (Kapitolu V) u li tanalizza l-ħtieġa ta' regolament awtonomu dwar is-sajd fir-RUP;

48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jistabbilixxu, mill-2027, strument ta' appoġġ simili għall-POSEI għas-settur marittimu u tas-sajd fir-RUP, bil-għan li jiġi żgurat finanzjament biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn ir-reġjuni;

49. Ifakkar fil-ħtieġa li r-RUP jiġu protetti waqt il-konklużjoni ta' ftehimiet tas-sajd ma' pajjiżi terzi;

C. ***Lejn turiżmu sostenibbli***

50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw bis-sħiħ is-settur tat-turiżmu fir-RUP sabiex jippromwovu l-irkupru u t-tkabbir sostenibbli, u biex jiksbu t-trasformazzjoni soċjali, ambjentali u diġitali meħtieġa tas-settur, b'mod partikolari fl-SMEs;

51. Itenni l-ħtieġa li ssir enfasi fuq it-turiżmu sostenibbli billi jiġu appoġġjati proġetti pilota innovattivi għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet aktar ekoloġiċi u diġitali, b'enfasi fuq l-isfruttament u r-rispett tal-potenzjal naturali tar-reġjuni permezz ta' proġetti tal-ekoturiżmu;

52. Jitlob, fit-tul, li tinħoloq tikketta Ewropea unika għat-turiżmu sostenibbli, li tinkorpora wkoll dimensjonijiet ta' kwalità, aċċessibbiltà u inklużjoni, b'attenzjoni partikolari għar-RUP;

D. ***Ambjent, bijodiversità, klima u enerġija***

53. Jilqa' l-fatt li l-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2030 iqisu l-potenzjal eċċezzjonali tal-bijodiversità tar-RUP;

54. Jappoġġja bil-qawwa l-promozzjoni tal-SDGs tan-NU u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 ([11]) dwar it-tassonomija;

55. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fil-frekwenza u l-vjolenza tal-fenomeni tat-temp fir-RUP, li huma marbuta direttament mat-tibdil fil-klima, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjoni b'saħħitha fil-livelli kollha biex jiġu kkoordinati l-investimenti meħtieġa għall-adattament, ir-reżiljenza u l-prevenzjoni fir-rigward ta' dawn it-theddidiet klimatiċi akbar; jirrakkomanda mobilizzazzjoni akbar tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili;

56. Ifakkar li l-isfidi speċifiċi li qed jiffaċċjaw ir-RUP, bħaż-żieda fil-livelli tal-baħar, iż-żieda fit-temperaturi tal-baħar u ż-żieda fil-frekwenza tat-terremoti u l-għargħar, jirrikjedu li l-qafas leġiżlattiv tal-UE jqis dawn l-ispeċifiċitajiet u, jekk ikun meħtieġ, jipprevedi derogi u inċentivi finanzjarji u tekniċi;

57. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-bijodiversità fir-RUP għandha tkun ikkoordinata mal-isforzi għall-iżvilupp sostenibbli tas-setturi tal-agrikoltura, tal-forestrija, tas-sajd u tal-akkwakultura f'dawn ir-reġjuni;

58. Jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' professjonijiet ġodda marbuta mal-ambjent u l-appoġġ għall-atturi lokali li jaħdmu għall-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ambjent, b'mod partikolari l-assoċjazzjonijiet u l-NGOs u, f'dak ir-rigward, it-tisħiħ tal-prinċipju ta' sħubija;

59. Jitlob biex iċ-Ċentru l-ġdid tal-Għarfien dwar il-Bijodiversità previst fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2030 itejjeb l-inklużjoni tad-data tal-entitajiet barranin Ewropej kollha u jiżviluppa approċċ ultramarin għall-pjan ta' rkupru tan-natura tal-UE;

([11]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

It-Tlieta 14 ta' Settembru 2021

60. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati jippromwovu u jappoġġjaw b'mod attiv l-objettivi tal-protezzjoni u l-irkupru tan-natura fir-RUP, u jitlob ukoll il-ħolqien ta' network trans-RUP tan-natura;

61. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżodu taż-żgħażagħ mill-aktar postijiet iżolati tar-RUP għandu impatt negattiv fuq il-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-foresti u jżid ir-riskju ta' nirien minħabba ġestjoni inadegwata ta' dawn ir-riżorsi u l-iżvilupp ta' pjanti invażivi; jitlob mekkaniżmi li jipproteġu l-ambjent tagħna, b'mod partikolari permezz tal-ġlieda kontra d-depopolazzjoni, l-attrazzjoni u l-lokalizzazzjoni ulterjuri tal-popolazzjoni f'dawn il-postijiet u l-istimolu ta' attivitajiet relatati mal-agrikoltura u n-natura sostenibbli;

62. Jilqa' l-fatt li l-programm LIFE jintegra l-inizjattiva BEST; jitlob li mill-inqas EUR 8 miljun jiġu allokati kull sena lill-inizjattiva BEST biex tgħin lit-territorji fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Bijodiversità, li teħtieġ li mill-inqas 30 % taż-żoni terrestri u marittimi jkunu protetti; jissuġġerixxi li titwettaq valutazzjoni tal-impatt dwar l-applikazzjoni possibbli tal-programm Natura 2000 għar-RUP Franċiżi, sabiex jiġu identifikati l-aktar għodod xierqa għall-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ambjent f'dawn ir-reġjuni;

63. Jafferma mill-ġdid l-objettiv li tinkiseb l-awtonomija enerġetika tar-RUP u jappoġġja bis-sħiħ l-objettiv li tintlaħaq enerġija 100 % rinnovabbli fir-RUP billi jitneħħa gradwalment l-użu tal-fjuwils fossili u jiżdied il-potenzjal dejjem jikber tal-enerġija sostenibbli u rinnovabbli, inkluż fl-ibħra miftuħa, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-impenn Ewropew li tinkiseb newtralità tal-karbonju sa mhux aktar tard mill-2050 u l-objettivi klimatiċi sal-2030;

64. Jitlob appoġġ għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tad-djar fir-RUP; jenfasizza l-ispeċifiċitajiet u r-restrizzjonijiet f'termini ta' aċċess għal materjali ċċertifikati; jikkonferma l-importanza tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u tal-istrument REACT-EU, li jiffinanzjaw it-tranżizzjonijiet fir-RUP;

E. ***Ekonomija ċirkolari integrata u valorizzata***

65. Jenfasizza li l-ekonomija ċirkolari, l-objettiv ta' tniġġis żero, l-effiċjenza enerġetika u l-preservazzjoni tal-bijodiversità għandhom ikunu prinċipji fundamentali ta' din l-istrateġija l-ġdida mar-RUP u għandhom iwasslu għal prattiki aktar sostenibbli għall-preservazzjoni tat-territorji, l-iżvilupp ekonomiku, l-impjiegi u l-koeżjoni;

66. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi li jingħata appoġġ qawwi lir-RUP sabiex tappoġġja mudell ekonomiku sostenibbli ġdid, b'inizjattivi strutturali għall-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari u l-promozzjoni ta' impjiegi u impjiegi "ekoloġiċi" ġodda;

67. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ekonomija ċirkolari tiġi integrata fil-politiki tal-ġestjoni tal-iskart fir-RUP; jitlob li jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi għat-tnaqqis u l-irkupru tal-iskart fir-RUP; iwissi dwar il-kumplessità u l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-iskart fir-RUP, li jeħtieġu appoġġ għall-investimenti fl-infrastruttura biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;

68. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni twaqqaf ċentru għall-kontroll tat-tniġġis tal-baħar fir-RUP biex tappoġġja l-ħolqien ta' infrastruttura għall-ġbir u t-trattament tal-iskart fil-baħar;

69. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-ambitu tal-programm Orizzont Ewropa, tniedi sejħiet għal applikazzjonijiet għal proġetti ta' riċerka xjentifika mmirati lejn ir-RUP f'konformità mar-riżultati miksuba mill-programm Orizzont 2020;

TITOLU 4: Nadattaw għall-isfidi u l-opportunitajiet ta' dinja globalizzata

70. Jirrimarka li r-RUP għandhom potenzjal kbir u assi speċifiċi li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-Unjoni kollha u li l-Ewropa għandha tiddependi fuq ir-RUP, u fuq il-kooperazzjoni tagħhom mal-pajjiżi fil-viċinat tagħhom, sabiex jiġu promossi l-valuri demokratiċi u l-objettivi ambjentali u soċjali tagħha;

71. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal u tippromwovi strateġiji makroreġjonali għar-RUP fiż-żoni ġeografiċi rispettivi tagħhom, filwaqt li tesplora l-possibbiltajiet kollha għal koordinazzjoni aħjar fil-prattika tal-interventi simultanji tad-diversi fondi tal-UE (jiġifieri l-FEŻR, id-Deċiżjoni PTEE u l-Ewropa Globali (Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali);

72. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tqis ir-RUP fl-istrateġija makroreġjonali tal-Atlantiku u tinkludi temi li huma aktar adattati għal dawn ir-reġjuni;

73. Iħeġġeġ l-użu tal-komponent il-ġdid iddedikat għall-kooperazzjoni mar-RUP fil-programm il-ġdid INTERREG;

74. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ, jiġi stimulat u promoss l-iżvilupp ta' proġetti ta' kooperazzjoni bejn id-diversi RUP, sabiex tissaħħaħ is-sitwazzjoni ġeostrateġika u ġeoekonomika tagħhom u biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki;

A. ***Politika tal-kompetizzjoni ġusta u xierqa***

75. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-ekonomiji tar-RUP jiġu protetti minn prattiki kummerċjali aggressivi, bħal swieq fejn il-provvista tinżamm daqs id-domanda u l-abbuż ta' pożizzjonijiet ta' monopolju;

76. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis kif xieraq is-sitwazzjoni speċifika tar-RUP, u b'mod partikolari l-periferiċità tagħhom għall-kontinent Ewropew u s-swieq żgħar tagħhom, meta timplimenta l-politika tal-kompetizzjoni tagħha u jenfasizza l-utilità tad-derogi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat għar-RUP;

77. Jilqa' l-adattament tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat għas-sitwazzjoni tal-kriżi tal-COVID-19; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà li żżomm xi wħud minn dawn il-miżuri eċċezzjonali għar-RUP, filwaqt li żżomm il-miżuri eżistenti għal dawn ir-reġjuni fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) ([12]) u l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali mill-Istat;

78. Jitlob il-ħolqien ta' status speċifiku għall-intrapriżi fir-RUP sabiex tiżdied il-kompetittività tagħhom, b'mod partikolari fiż-żona reġjonali tagħhom;

B. ***It-trasport u aċċess aħjar***

79. Isostni li hemm restrizzjonijiet serji fuq ir-RUP marbuta mad-distanza, il-konnettività batuta, id-dipendenza fuq il-portijiet u l-ajruporti u l-orografija; iqis li huwa neċessarju li tiġi stabbilita politika tat-trasport kompletament adattata għar-realtà tar-RUP fil-qafas tal-FEŻR u tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF); jistieden ukoll lill-Kummissjoni timplimenta programm tat-trasport POSEI bħala għodda addizzjonali sabiex tikkumpensa għal dawn l-iżvantaġġi u t-telf akkumulati;

80. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu kkonsolidati u żviluppati l-konnessjonijiet marittimi u tal-ajru bejn ir-RUP, u anki mal-kontinent Ewropew u l-pajjiż terzi tal-viċinat sabiex jiġi appoġġjat l-aċċess aħjar tagħhom;

81. Jisħaq fuq il-ħtieġa li f'dawn ir-reġjuni jitħeġġeġ l-użu ta' mezzi tat-trasport aktar sostenibbli u li jniġġsu inqas billi jiġu promossi alternattivi għall-fjuwils fossili;

82. Jappoġġja l-impenn Ewropew favur trasport marittimu ekoloġiku u attivitajiet portwarji innovattivi sabiex titnaqqas l-impronta tal-karbonju u ambjentali fl-UE u jitlob li r-RUP jibbenefikaw minn dan;

83. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż tat-trasport, kemm jekk tal-passiġġieri kif ukoll jekk tal-merkanzija, sabiex jiġi garantit il-prinċipju ta' kontinwità u koeżjoni territorjali, kif ukoll opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini kollha; jitlob li l-prezzijiet tat-trasport bl-ajru (lejn dawn ir-reġjuni u minnhom), fuq l-art (trasport intern, bejn il-bliet) u marittimu (bejn ir-reġjuni u l-gżejjer) jinżammu; iqis, f'dan ir-rigward, li għandhom jiġu kkunsidrati d-derogi għar-RUP fl-iskema għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet tas-CO_2 kemm għat-trasport marittimu kif ukoll għat-trasport bl-ajru, u, fejn xieraq, inċentivi finanzjarji u tekniċi;

([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

It-Tlieta 14 ta' Settembru 2021

84. Jistieden lill-Kummissjoni, fl-ambitu tal-FNE, tniedi sejħa għall-offerti speċifika u tadatta l-kriterji ta' eliġibbiltà għar-RUP sabiex tipprovdi qafas ta' appoġġ għal infrastruttura tal-provvista tal-fjuwil alternattiv u sostenibbli fil-portijiet ewlenin ta' dawn ir-reġjuni, fil-mobbiltà urbana u fl-avjazzjoni;

85. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni, meta tkun qed tirrevedi r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar in-network trans-Ewropew tat-trasport ([13]), biex tinkorpora d-dimensjoni tar-RUP billi tiżgura interkonnessjoni bejn in-network ewlieni u n-network komprensiv u billi tillaxka l-qafas kunċettwali għall-awtostradi tal-baħar;

86. Iqis li huwa neċessarju li l-Kummissjoni tipprovdi appoġġ tekniku sabiex tiffaċilita l-aċċess tar-RUP għall-finanzjament Ewropew, b'mod partikolari għal proġetti marbuta mal-Patt Ekoloġiku u l-kostruzzjoni ta' infrastrutturi maġġuri taħt il-programm InvestEU;

C. ***Is-settur diġitali u l-ispazju***

87. Jilqa' l-proposta tal-Programm Ewropa Diġitali għall-promozzjoni ta' aktar konnettività u ħiliet diġitali aħjar fir-RUP; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi l-appoġġ tekniku meħtieġ għall-ħolqien ta' Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali fir-RUP, kif previst fil-Programm Ewropa Diġitali;

88. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-konnettività diġitali tar-RUP tiġi ggarantita fl-Aġenda Diġitali bħala għodda għall-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet indaqs fl-era tal-globalizzazzjoni u f'dinja dejjem aktar diġitali;

89. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-satelliti jipprovdu konnettività mingħajr interruzzjoni u b'kapaċità għolja ħafna, li hija essenzjali biex jitnaqqas id-distakk diġitali, b'mod partikolari fir-RUP; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni taġġorna l-Istrateġija Spazjali Ewropea billi tadotta miżuri speċifiċi għar-RUP;

D. ***Politika kummerċjali***

90. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-RUP jibbenefikaw bis-sħiħ mill-ftehimiet internazzjonali (il-Ftehimiet ta' Shubija Ekonomika (FSE), il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs), eċċ.) konklużi bejn l-UE u pajjiżi terzi billi tistabbilixxi task force dwar l-impatt tal-politika kummerċjali fuq ir-RUP, li tinvolvi b'mod effettiv lir-RUP, inklużi r-rappreżentanti tas-setturi tar-RUP;

91. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju li jkejjel l-effetti kumulattivi tal-ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tar-RUP;

92. Jitlob li jkun hemm konformità mal-istandards ambjentali u soċjali Ewropej fil-ftehimiet kummerċjali konklużi ma' pajjiżi terzi u jitlob li l-konformità ma' dawn il-ftehimiet tiġi żgurata permezz ta' miżuri effiċjenti u operattivi;

93. Jinnota li l-proliferazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali konklużi ma' pajjiżi terzi li jipproduċu l-istess prodotti agrikoli għall-esportazzjoni bħar-RUP, iżda b'kundizzjonijiet soċjali u ambjentali differenti, tista' tfixkel il-kompetizzjoni u tbiddel id-distribuzzjoni tas-suq billi thedded il-kompetittività tal-produtturi Komunitarji ta' tali prodotti;

94. Jitlob li jkun hemm trattament preferenzjali għall-prodotti tar-RUP fin-negozjati mill-ġdid kollha tal-FSE u l-FTA sabiex jinstab bilanċ ġust bejn il-protezzjoni ta' prodotti agrikoli sensittivi u d-difiża tal-interessi offensivi tal-Unjoni, billi jiġu kkunsidrati klawżoli ta' salvagwardja, perjodi tranżizzjonali u kwoti xierqa għal prodotti mir-RUP u, f'xi każijiet, l-esklużjoni ta' prodotti l-aktar sensittivi, bħaz-zokkor speċjali;

95. Ifakkar fid-dikjarazzjoni konġunta tat-tliet istituzzjonijiet annessa mar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Stabbilizzazzjoni li ġie rivedut meta l-Ekwador issieħeb fil-Ftehim bejn l-UE u l-Perù u l-Kolombja, li tiddikjara li l-Kummissjoni se tanalizza l-iżviluppi tas-suq wara l-iskadenza tal-mekkaniżmu u li, jekk is-sitwazzjoni tal-produtturi Ewropej tal-banana tiddeterjora, se tintervjeni, wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;

([13]) ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1.

96. Jirrakkomanda kontrolli speċifiċi mill-Uffiċjal Kap Ewropew tal-Infurzar għall-Kummerċ (Chief Trade Enforcement Officer), sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet diskriminatorji għar-RUP, u jitlob li l-prinċipju ta' "konformità" jiġi applikat għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' prodotti organiċi;

E. ***Promozzjoni tal-iżvilupp kulturali***

97. Jenfasizza li r-RUP huma ambaxxaturi għat-tkabbir tal-isfera ta' influwenza tal-UE u li jirrappreżentaw opportunità reali għall-politiki esterni tal-Unjoni minħabba l-prossimità u r-relazzjoni diretta tagħhom ma' għadd kbir ta' pajjiżi terzi;

98. Jenfasizza l-vantaġġi li joffru l-pożizzjonijiet ġeostrateġiċi u r-relazzjonijiet storiċi ta' diversi RUP tal-Atlantiku mal-kontinent Amerikan u l-istati gżejjer tal-Karibew; jirrakkomanda li tiġi sfruttata l-pożizzjoni privileġġata ta' dawn it-territorji sabiex jiġu stimulati r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea fir-reġjun;

99. Ifakkar li l-kultura hija pilastru tal-iżvilupp personali u tal-arrikkiment reċiproku; iqis li huwa neċessarju li jiġu appoġġjati aħjar l-iskambji kulturali;

100. Jitlob il-protezzjoni u l-appoġġ tal-lingwi reġjonali tar-RUP, li huma kemm assi kulturali kif ukoll mezzi ta' integrazzjoni u kondiviżjoni makroreġjonali;

F. ***Politika migratorja***

101. Jinnota bi tħassib l-impatt tal-flussi migratorji fir-RUP; jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni tal-migranti minorenni mhux akkumpanjati fir-RUP u jitlob l-applikazzjoni tal-ogħla standards ta' akkoljenza umanitarja adattati għal dawn il-minorenni; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ uman li jkun kapaċi jiżgura ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji f'konformità mal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u mal-valuri tal-UE;

102. Jitlob il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u għal fondi addizzjonali speċifiċi biex jingħata aktar appoġġ lill-Istati Membri li r-RUP tagħhom jinsabu taħt pressjoni migratorja qawwija;

o

o o

103. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, lill-Istati Membri u lil-Konferenza tal-Presidenti tar-RUP.